# Birkirkara fi Djarju tas-Seklu Tmintax

**(Mill-Perit Micheal Ellul)**

Il-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta tiġbor fiha teżor kbir ta' rikkezzi moħbija, jew magħrufa biss minn ftit nies studjużi ta' l-istorja ta' artna. Huma dokumenti li jirrakkontaw il-ġrajja ta' niesna sa mill-ibgħad żmienijiet, u ta' interess kbir fosthom, insibu għadd imdaqqas ta' djarji, fil-biċċa l-kbira tagħhom manuskritti, miktubin minnies dedikati li xtaqu li ċerti ġrajjiet li kienu seħħew fi żmienhom jibqgħu imfakkra fis-snin ta' warajhom.

Kien żmien li, naturalment, kien għadhom ma jeżistux il-gazzetti, u f'dawn id-djarji il-kittieba tagħhom kienu jniżżlu ċerti 'aħbarijiet' u ġrajjiet li kienu għaddew minnhom huma stess, jew li semgħuhom irrakkuntati minn xi ħadd qribhom.

Fost dawn insibu il-'Giornale Maltese', miktub minn Ignazio Saverio Mifsud Chircop, studjuż u letterat, saċerdot u duttur tal-liġi. Mifsud twieled fl-1722 u studja privatament taħt Dun Mikiel Frendo, li kien ukoll parrinuh tal-Griżma. Fl-1746 ġie nominat Protonotarju Appostoliku, u fl-1756 laħaq Konsulent tas-Sant'Uffizzju f'Ruma, kif ukoll Professur tat-Teoloġija.

Id-djarju tiegħu huwa miktub bit-Taljan, u jibda fl-1 ta' Jannar 1740, meta Mifsud kellu biss 18 il-sena u kien għadu kjeriku. Jibqa' sejjer sal-1765, iżda b'xi perijodi nieqsa. Ħafna mill-interess tad-djarju qiegħed fil-fatt li Mifsud, barra li kiteb il-ġrajjiet li kienu l-iżjed laqtuh, jagħtihom bixra personali u jżid ċerti kommenti li jitfgħu ħafna dawl fuq żmienijietu. Jidher ukoll li Ignazio Saverio Mifsud, għalkemm kien joqgħod u kiteb id-djarju tiegħu fil-parroċċa ta' San Pawl tal-belt, kellu konnessjoni speċjali ma' Birkirkara, għax f'diversi paġni tad-djarju jagħmel riferenzi għaliha.

F'dan l-artiklu, jien għażilt xi paġni mid-djarju tiegħu li fihom tissemma' Birkirkara, maqlubin għal Malti, u eżatt kif kitibhom Mifsud mingħajr ma naqqast jew żidt anqas kelma.

**12 ta' Marzu, 1740,** is-Sibt: San Girgor Papa. Is-soltu f'Malta f'dan il-jum toħroġ purċissjoni fis-7 ta' fil-għodu minn Raħal Ġdid, u din hija purċissjoni ġenerali għal Malta kollha. Il-purċissjoni timxi sar-raħal taż-Żejtun fejn huwa venerat il-qaddis imsemmi. Fil-purċissjoni imsemmija jieħdu sehem mhux biss il-parroċċi kollha iżda wkoll il-fratellanzi. U hekk din is-sena fil-purċissjoni ħa sehem Monsinjur isqof Fra' Paolo Alferan de Bussan, li flimkien mal-Kanoniċi tal-Kattidral, mexa fl-aħħar tagħha. Il-parroċċi kollha jimxu skond l-anzjanità tagħhom. Il-Kolleġġjata ta' Birkirkara għandha l-preċedenza minħabba l-anzjanità tat-twaqqif tagħha; imma hemm kawża dwar hekk pendenti f'Ruma.

**8 ta' Settembru 1740:** F'dan il-jum f'Birkirkara, fl-erbgħa ta' fil-għaxija ippriedka fil-Knisja tal-Vitorja Dun Rafel Debono, Suddjaknu Karkariż, u wera l-ferħ tiegħu ta' l-okkażżjoni.

**11 ta' Settembru, 1740 ;** Festa ta' l-Isem Imqaddes ta' Marija. Fir-raħal ta' Birkirkara saret il-festa tal-Madonna tad-Dawl, u ippriedka fl-erbgħa ta' wara nofs inhar il-Prepostu ta' San Pawl tal-Belt Dun Gregorju Chercop, u wera kif id-dawl u r-raġġi tal-Madonna kienu ta' ferħ kbir għall-anġli, għal qaddisin, u għall-bnedmin fl-art. U ppriedka bil-muzzetta.

**10 ta' Jannar, 1741:** It-Tlieta: Qed jgħidu, imma ma nafx jekk hux veru, li fis-sebgħa ta' dan ix-xahar, jiġifieri is-Sibt li għadda għall-ħabta tat-tmienja ta' fil-għaxija, dehret fuq Ħ'Attard kometa jew inkella bħal travu kbir u oħxon tan-nar li bdiet miexja lejn in-naħa ta' Birkirkara, u għal ħdax ta' bil-lejl waqfet fuq il-koppla tal-Knisja ta' Birkirkara, imbagħad imxiet u waslet fuq l-Imsida, u meta kienet fuq il-baħar bħal tfarrket, u waqgħet qisha taqtir tax-xita: imma fil-fatt qed jgħidu li għamlet xita tan-nar, imma Alla ried li waqgħet fuq l-ilma, u Alla jeħlisna minn xi kastig bħal dan.

**2 ta' April 1741:** Ħadd il-Għid: Fil-Knisja ta' San Franġisk tal-Belt ippriedka Dun Giuseppe Borg, Karkariż u llawrjat, fuq ir-Risurezzjoni.

**21 ta' Jannar, 1754:** Fil-Knisja ta' Birkirkara il-qassisin ħassewhom diżgustati bl-imġieba tal-Kanonċi, u l-poplu ġie msaħħan mill-kleru kontra l-Kanonċi dwar il-puntatur tal-quddies għax il-kleru ried li jkun ittrattat independement mill-Kanonċi, iżda l-Kanonċi kienu għamlu relazzjoni favur tagħhom stess lill-Kurja ta' l-Isqof; fl-inkwiet li nqala' xi nies skassaw xi kxaxen fis-sagrestija ta' dik il-knisja, u l-kapijiet tat-tixwixa, li kienu tlieta, ġew arrestati u mitfugħa l-ħabs mill-Altezza Tiegħu (il-Gran Mastru Pinto) fil-Kurja Kapitanali ta' l-Imdina.

**6 ta' Frar, 1754:** Il-Prepostu 'cum cura' tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara Dun Carlo Bellia ġie ivvjatikat u mgħoti il-Griżma tal-Morda, u jinsab ħażin ħafna mingħajr ebda speranza ta' fejqan.

**26 ta' Marzu 1754:** It-Tlieta: Il-lum fl-għaxra u nofs ta' fil-għodu miet Dun Carlo Bellia ta' Ħal Balzan, Arċipriet u Prepostu 'cum cura' tal-Knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara, wara ħafna xhur ta' marda tal-biża, li għamlitu kważi miġnun, u b'rieħa tinten terribli; wara nofs inhar ġie midfun fl-istess Kolleġġjata 'gratis', imbilli ma kien ħalla xejn, u kien sab ruħu f'miżerja l-aktar kbira.

**20 ta' Mejju 1754:** Il-Ħadd: Jien, il-kittieb ta' dan id-djarju, il-lum sibt ruħi fl-art ta' Birkirkara, fejn saret ġlieda bejn żewġ żagħżagħ fis-Sagrestija tal-Kolleġġjata, u wieħed minnhom fera lill-ieħor u xerridlu ħafna demm għall-ħabta ta' l-10 u nofs ta' fil-għodu, u mbilli il-Vigarju kien għad irid iqaddes il-quddiesa ta' l-aħħar, iddubita li l-Knisja ġiet ipprofanata, u mar iqaddes il-Knisja il-Qadima li kienet tesa' in-nies kollha li kienu qed jistennew li jisimgħu l-Quddiesa, imma wara li ikkonsulta ruħu miegħi, ġagħltu jdoqq għall-Għasar u jkantah għax il-Knisja ma ġietx ipprofanata, u ġie mgħarraf l-illustrissimu Monsinjur isqof.

**25 ta' Marzu 1756:** Il-Ħamis: Il-kittieb ta' dan id-djarju mar bil-kaless ġo Birkirkara biex jgħammed tarbija tal-pro-kuġina tiegħu, u ta l-isem ta' Annunziata Modesta, u inqeda' b'din l-okkażżjoni biex jara fil-Furjana il-Knisja ta' San Publiju li kienet qed tinbena u waslet sal-blata tal-bieb prinċipali tagħha.

**18 ta' Awissu 1756:** L-Erbgħa: F'Birkirkara il-festi tas-soltu, u ppriedka Dun Giuseppe Vella, kappillan ta' Ħal Qormi.

**22 ta' April 1757:** Il-Ġimgħa: Funeral ta' Monsinjur Isqof Fra' Paolo Alferan de Bussan, li miet fl-20 ta' April, ta' 71 sena; il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara ha sehem fil-funeral li sar fil-Kattidral, ta' l-Imdina.

**18 ta' Awissu 1757:** Il-Ħamis: Sant'Elena, festa f'Birkirkara u ppriedka Dun Ġio Batta Falzon.